ĠUN 2013
ħidmietna f'isimkom
PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

### Il-ħidma fost l-anzjani tkompli tikber

# Jinfetaħ id-Day Centre għall-Anzjani fi Triq it-Tiġrija

Nhar l-Erbgħa 1 ta' Mejju 2013 - Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, ingħata bidu għal ħidma fost l-Anzjani tagħna mid-dar 'Dun Franġisk Grima' li l-Parroċċa tagħna għandha fi Triq it-Tiġrija. B'ħidma flimkien mal-Parroċċa, l-Kunsill Lokali tan-Nadur minn dan il-lokal ser ikompli jespandi l-ħidma soċjali tiegħu fost l-Anzjani Nadurin wara li tlettax-il sena ilu waqqaf id-Day Centre għall-Anzjani fis-Sala Parokkjali. F'din l-okkażjoni f'dan il-kumpless saret quddiesa mill-Arċipriet tal-Parroċċa Mons. Jimmy Xerri kif ukoll festin żgħir għal dawk preżenti. Wara dawk mistiedna kellhom l-opportunita` iduru l-post kif ukoll jagħtu l-idejat tagħhom kif tista` tinfirex il-ħidma minn dan il-lokal.

Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm is-Sindku tan-Nadur is-Sur Charles Said u l-membri l-oħra tal-Kunsill. Minn Ottubru li ġej bl-għajnuna t'Alla minn din id-dar tibda l-ħidma kontinwa fost l-Anzjani tagħna għaż-żmien li ġej. Inizzjattiva li ser tkun qed isir b'imħabba kbira mill-Kunsill lejn l-Anzjani tagħna flimkien mal-Parroċċa.

Inħeġġukom biex tapprezzaw din l-inizzjattiva b'risq l-Anzjani tagħna.

# Xogħlijiet



Bini ta' Ħitan tas-Sejjieħ f'Daħlet Qorrot



Tindif u twaħħil ta' siġar f'Ta' Xurdin






Żewġ pubblikazzjonijiet fl-okazzjoni tal-100 sena mill-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-kbira fin-Nadur u oħra tar-rebħ tal-Kampjonat tan-Nadur Youngsters



Play Centre ġdida fl-iskola Primarja tan-Nadur



Dawl fil-latrina ta' Daħlet Qorrot



Tiswijiet fuq il-bjut tat-Torri ta' Sopu



Restawr tal-monument ta' Dun Salv Vella










'13

KARNIVAL TAN-NADUR


MON - SAT
07.00 - 12.00
16.00 - 19.00





# L-IMNARJA

## Programm ta' attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fl-okkażjoni tal-Festa Tradizzjonali tal-Imnarja 2013

**18 ĠUN**

**8.30 p.m.** Ftuħ tal-Wirja ta' Arti Sagra 'In-Nadur u l-Kult Nisrani Tiegħu' Fl-okkażjoni tat-325 Sena mit-Twaqqif tal-Parroċċa tan-Nadur, fis-Sala 'Joe Tabone' fil-bini tal-Kunsill Lokali jsir il-ftuħ tal-Wirja ta' Arti Sagra u tal-Interpretazzjoni Awdjoviżwali tal-aktar ġrajjiet importanti li ssawru b'nisġa mal-Fidi Nisranija tul dawn l-aħħar 325 sena ta' storja fin-Nadur bl-isem ta' 'IN-NADUR U L-KULT NISRANI TIEGĦU' – IL-VJAĠĠ TA' TLIET SEKLI U KWART TA' FIDI' mis-Sindku Charles F. Said. Wara Mons. Arċipriet Jimmy Xerri ibierek din l-esebizzjoni u jsir diskors tal-okkażjoni.

**20 ĠUN**

**8.30 p.m.** 'Festa Tfal'
Tiġi organizzata 'Festa Tfal' fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Attivita` għat-tfal kollha Nadurin li tkun tinkludi numru ta' attrazzjonijiet bħal bouncing castles, mega slide, go-karts, spinner, gladiator duel, face painting, catoon characters eċċ. Dawn l-attrazzjonijiet jkunu kollha bla ħlas bħala offerta mill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni tal-festa. Jitqassmu wkoll refreshmnets u snacks lit-tfal kollha preżenti. Jkun hemm wkoll baloon modelling by 'Mr Remy'.

**21 ĠUN**

**8.30 p.m.** 'Żgħażagħ Fest'
Fi Pjazza 28 t'April 1688 issir l-attivita` 'Żgħażagħ Fest' għaż-żgħażagħ Nadurin. Attivita` mtella` miċ-Ċentru Parrokkjali 'Papa Ġwanni Pawlu II' u l-Kunsill Lokali.

**22 ĠUN**

**6.30 p.m.** Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat
Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri jsir il-ftuħ tal-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat. Jiġu esebiti frott, ħxejjex, għodod u oġġetti tal-biedja kif ukoll artiġjanat Naduri. Tittella` serata ta' divertiment kif ukoll jiġi servut ikel tipiku malti flimkien ma' inbid maħdum minn artiġjana Nadurin. Ikun hemm servizz ta' veterinarju b'xejn. Jieħdu sehem fost l-oħrajn l-'Imnarja Folk Group', diversi għanejja u 'Emanuel Rapa Band'.

**23 ĠUN**

**7.30 a.m.** Tkompli l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat
Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri tkompli l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat bil-sehem tal-Banda Mnarja, il-Folk Grupp tal-iskola primarja tan-Nadur 'Dun Salv Vella' u l-'Aurora Folk Group'.

**9.30 a.m.** Jibda marċ mill-Banda Mnarja li jagħdi minn Triq Sant' Indrija, Triq San Ġakbu, Triq Ta' Said u jintemm fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri.

**10.30 a.m.** Isir it-tberik tal-annimali u pets mill-Arċipriet tal-Parroċċa Mons. Jimmy Xerri u wara jitqassmu r-rigali ta' tifkira mis-Sindku Charles F. Said lil dawk kollha li ħadu sehem.

**24 ĠUN**

**8.30 p.m.** Programm Mużikali mill-Banda Mnarja
Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri s-Soċjeta` Filarmonika Mnarja ttella` l-programm mużikali annwali tagħha bl-isem ta' 'Big Band Adventures'. Jidderiġi dan il-programm mużikali s-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Joseph Grech.

**25 ĠUN**

**8.30 p.m.** Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja
Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri jsir l-Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja bis-sehem ta' numru ta' gruppi folkloristiċi u mistiedna speċjali fosthom l-'Imnarja Folk Group', 'The Turning Pointe Dance Theatre' , 'The Gozo Boy', Mario Caruana, Rebecca Bonello u Gianluca Bezzina. Tintwera wkoll il-produzzjoni awdjoviżwali 'In-Nadur u l-Kult Nisrani Tiegħu – Il-Vjaġġ ta' Tliet Sekli u Kwart ta' Fidi' li titratta n-nisġa tal-fidi nisranija fin-Nadur u fil-Parroċċa tiegħu tul dawn l-aħħar 325 sena ta' storja. Jiġi servut ikel tradizzjonali malti. Jippreżenta din is-serata Charles Saliba. F' din il-lejla, numru ta' karozzini ser ikunu disponibli għall dawk kollha li jixtiequ jagħmlu dawra bihom mat-toroq prinċipali tan-Nadur.

**29 ĠUN**

**2.30 p.m.** Tiġrija Tradizzjonali taż-Żwiemel
Fi Triq tax-Xħajma jssir it-Tiġrija Tradizzjonali taż-żwiemel bil-parteċipazzjoni ta' ġerrejja minn Għawdex u minn Malta.

**30 ĠUN**

**8.30p.m.** Attivita` Soċjali fi Ġnien il-Kunsill
Fi Ġnien il-Kunsill tittella` attivita` soċjali ta' divertiment għall-familja kollha.

HSBC
Coca-Cola
Heritage Malta
www.visitMALTA.com



**Is-Sindku, Charles Said u l-Kunsilliera kollha jawguraw il-festa t-tajba lir-residenti kollha tar-raħal tan-Nadur.**

# Il-Kunsill taż-Żgħażagħ

F'dawn l-aħħar snin kienet nibtet l-ideja mill-Kunsill Lokali tagħna li jitwaqqaf Kunsill taż-Żgħażagħ fi ħdan l-istess Kunsill Lokali u dan sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Kunsill li jippromwovi l-partecipażżjoni attiva taż-żgħażagħ fil-komunita. Dan il-Kunsill taż-Żgħażagħ ilu mwaqqaf għal xi snin issa, bil-kumitat jitbiddel kull sena. Il-kumitat ta' din is-sena ġie magħżul f'Jannar. Diversi żgħażagħ min-Nadur attendew, mhux biss żgħażagħ li kienu attivi fil-kunsill fil-passat iżda anke nies ġodda għalih.

**Il-Kumitat il-ġdid magħmul min:**

Shaun Azzopardi President

Simone Azzopardi Vici-President

Rachel Azzopardi Segretarja

Adriana Camilleri Assistent Segretarja

Frankie Meilak Exchange Coordinator

Brandon Azzopardi Assistant Exchange Coordinator

Dr. Rita Mifsud LL.D Kunsillier responsabli mill-Ħidma Socjali u Żgħażagħ

Bl'inkoraġġiment u għajnuna tal-Kunsill Lokali bdejna b'diversi laqgħat sabiex nfasslu programm ta' ħidma għal matul din is-sena u ddiskutejna u ħdimna fuq ideat għal attivitajiet




li nistgħu norganizzaw li jkunu ta' interess u valur għaż-żgħażagħ. Sabiex nqanqlu aktar interess fost iż-żgħażagħ fil-Kunsill taż-Żgħażagħ għamilna Facebook page li sservi ta' punt ta' komunikazzjoni effettiv maż-żgħażagħ.

L-ewwel attivita' tal-grupp kienet mixja għal Daħlet Qorrot, li għaliha attendew diversi żgħażagħ min-Nadur, u saħansitra wkoll xi oħrajn minn villaġġi oħrajn f'Għawdex! Biex il-mixja tkun differenti, għaddejna mil-wied minflok bqajna neżlin Daħlet Qorrot mit-triq prinċipali, u minflok spiċċajna fil-bajja morna fuq il-blat ta' fuq il-lemin tagħha, post li ftit minna kienu marru qabel. Kulħadd ħa pjaċir jammira s-sbuħija tal-villaġġ, l-kampanja u l-kosta tan-Nadur!

Il-Kunsill taż-Żgħażagħ ħareġ ukoll b'ideja interessanti sabiex jorganiżża attivita' li tinvolvi l-isport kważi kważi minsi tal-bini u titjir tat-tajr. Wara li

saret ftit riċerka fuq l-arti ta' kif isiru dawn it-tajr, irnexxielna nagħmluhom u għaddejna ftit ħin nippruvaw ntajjruhom fi Ġnien il-Kunsill billi kienet ġurnata sabiħa bi ftit riħ! Attivita' oħra bħal din hi pjanata għal-futur.

Bħala Kunsill taż-Żgħażagħ ta' spiss nieħdu sehem fi proġetti tal-Ewropa taħt l-inizjattiva tal-Youth in Action. Din is-sena ddeċidejna li napplikaw għal xi fondi sabiex norganizzaw proġett bit-tema ta' l-ambjent jismu Green Without Borders. Il-proposta tagħna hija li nospitaw membri ta' pajjizi ohra imsieħba fil-proġett ġewwa Għawdex u norganizzaw l-attiviatijiet konnessi mal-proġett. B'korrispondenza mal-MEUSAC, il-paċenzja u xogħol tajjeb ta' Simone Azzopardi u l-bqija tal-kumitat, il-proġett ġie pjanat u l-applikazzjoni estensiva għall-fondi tlestiet. Li jibqa' hu li nistennew ir-risposta, li aħna kunfidenti li tkun posittiva.

Il-Kunsill taż-Żgħażagħ ħa sehem ukoll fil-Malta Records Festival li sar fl-4 ta' Mejju 2013 ġewwa Ħal Qormi billi tella' stand dwar il-lokalita tagħna. Dan fuq stedina tal-Kumitat tal-istess festival lil Kunsill Lokali peress li l-Kunsilliera Josianne Cutajar kellha r-record ta' l-iżgħar Kunsilliera mara tas-sena l-oħra. L-istand tagħna qanqlet l-interess tal-pubbliku preżenti li setgħu jaraw il-pubblikażżjonijiet dwar ir-raħal tan-Nadur li esibejna kif ukoll l-presentation awdio-viziva li tellajna.

Jekk tixtiequ ssiru attivi u/jew tattendu l-attivitajiet tagħna sibuna fuq Facebook (https://www.facebook.com/NadurYouthCouncil) u ħallulna messaġġ!

Is-sena għadha ma spiċċatx! Stennew aktar attivitajiet mingħandna x'ħin jgħaddu l-eżamijiet.



# Xalata tal-Festa

Organizzata mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.



Il-Ħadd 30 ta' Ġunju 2013,

Ġnien il-Kunsill, Nadur

mit-8:00 pm 'il quddiem

Varjeta` ta' Divertiment għall-familja kollha.

**Mistiedna Speċjali l-Band 'Spectrum'**

BBQ kbir - Bar - *Area* ta' logħob għat-tfal bis-sehem ta' 'Buzzy Kids Entertainment' - Bouncing Castle - Zoom around rides - Glitter tattoos - Popcorn - Candy floss - Tombli kbar

It-Tombla, BBQ u l-*area* tat-tfal ser ikunu mqassmin mal-ġnien kollu sabiex ma jtellfux lil xulxin.

*Biljetti għall-BBQ jinsabu għall-bejgħ mingħand il-membri tal-kumitat, jew ċemplu 79069820 għall-prezz ta' €10 il-kbar u €5 it-tfal.*



Ejjew ħudu gost

magħna ħalli nagħlqu l-festa kif jixraq flimkien!

# Avviżi

## Ġbir ta' Skart

Matul dan l-aħħar ġimgħat sar kuntratt ġdid ta' ġbir ta' skart wara li dak ta' qabel kien ilu skada. Dan hu ferm ogħla minn qabel u meta l-allokazzjonijiet mill-Gvern Centrali għal dan il-għan gew imnaqqsa minn din s-sena. Għalhekk mill-1 ta' Lulju 2013 il-ġbir ta' skart ser jibda jinġabar hekk:

**It-Tnejn** – dak f'borża sewda.

**It-Tlieta** – dak f'borża griża Biss.

**L-Erbgħa, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt** – dak f'borża sewda.

Il-Kunsill ma' dan is-servizz qed jofri ukoll servizz ta' bulk refuse minn wara l-bieb kull nhar ta' Tnejn. Kull ma għandek tagħmel biex tibbukja dan is-servizz huwa billi iċċempel il-Kunsill fuq 21558080. Apparti dan il-Kunsill joffri servizz ta' *Bring-in Sites* fi Triq it-Tiġrija, San Blas u tal-Ħali ghall- skart reciklabbli. F'Jannar li għadda żdiedu wkoll *Bring-in Sites* ġodda għall-ħġieġ, fi Triq Xandriku, Ġnien il-Kunsill u fi Pjazza 28 ta' April. Servizz ieħor offrut mill-Kunsill hu l-*Open Skips* f'Ta' Xurdin. Dawn jiġu pprovduti kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa minn 12.00pm sal-5.00pm u nhar ta' Sibt mit-8.00am sal-4.00pm.



# PJANIJIET GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAS-SITI
# NATURA 2000 FIL-GŻEJJER MALTIN

Epsilon International SA tal-Greċja u l-kumpanija Maltija Adi Associates Environmental Consultants Ltd rebħu kuntratt tal-MEPA biex jippreparaw pjanijiet għall-immaniġġjar għall-34 sit terrestri Natura 2000 fil-Gżejjer Maltin. Il-Proġett huwa ko-finanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-iŻvilupp Rurali.

Jeżistu żewġ siti Natura 2000 fin-Nadur: L-Inħawi tar-Ramla, u Il-Qortin tal-Magun u l-Qortin il-Kbir.

Natura 2000 hija network ta' nħawi ta' konservazzjoni tan-natura mifrux mal-Ewropa kollha li twaqqaf biex jiżgura li l-ispeċi u l-habitats l-iżjed prezzjużi tal-Ewropa ma jinqerdux. In-network hiia msejsa fuq il-prinċipji wiesgħa ta' konservazzjoni u użu sostenibbli, fejn il-bniedem u n-natura jistgħu jeżistu flimkien f'armonija. In-network Natura 2000 hija l-akbar network koerenti ta' nħawi mħarsin fid-dinja. In-network Natura 2000 huwa magħmul minn of Special Areas of Conservation (SAC), importanti minħabba l-habitats tagħhom, u Special Protection Areas (SPA), li huma siti importanti għall-għasafar.

In-network Natura 2000 fil-Gżejjer Maltin tkopri madwar 13.5% tat-territorju (c. 42km2). Total ta' 30 pjan għall-immaniġġjar li jkopru l-34 sit, ser ikunu ippreparati.






L-involviment ta' dawk kollha li għandhom interess fil-proċess ta' ippjanar tal-immaniġġjar – esperti fuq konservazzjoni kif ukoll sidien tal-art, residenti, kunsilli lokali, negozji, gruppi tal-komunità u dawk ambjentali – huwa indispensabbli biex wieħed jiżgura li l-pjanijiet tal-immaniġġjar ikunu dawk li jaqblu għal kull sit u li jistgħu jiġu implimentati b'suċċess. Programm komprensiv ta' laqgħat għal dawk kollha interessati għaddej bħalissa u ser ikompli fix-xhur li ġejjin.

Individwi jew gruppi b'interess partikulari u li jixtiequ jinvolvu rwieħhom fil-proġett huma mistiedna li jikkuntattjaw lill-konsulenti direttament.

**TELEPHONE**
21378172 / 21378177

**EMAIL**
info@natura2000malta.com.

**WEBSAJT TAL-PROĠETT**
natura2000malta.com

**SEGWUNA FUQ FACEBOOK**
facebook.com/natura2000malta

**TWITTER**
@natura2000malta

# TOROQ ARTERJALI
# RESPONSABILITA' TAL-GVERN ĊENTRALI

Il-Kunsill Lokali jirċievi numru ta' ilmenti dwar l-istat ta' uħud mit-toroq arterjali fin-Nadur. Għalhekk nħasset il-ħtieġa li nispjegaw li t-toroq arterjali jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali u għalhekk, fil-każ ta' Għawdex, taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru għal Għawdex. Kull meta l-Kunsill jirċievi lment fuq xi waħda minn dawn it-toroq jgħaddi mmedjatament dan l-ilment lit-taqsima tal-*customer care* tal-Ministeru.

## It-toroq arterjali fin-Nadur huma dawn li ġejjin :-

1. **Triq ir-Rabat**
2. **Triq Ħanaq**
3. **Triq ir-Ramla** (il-parti minn Triq Ħanaq sa fejn tibda Triq Għajn Qasab)
4. **Triq Għajn Qasab**
5. **Triq il-Knisja** (il-parti minn Triq ir-Rabat sa fejn tibda Triq it-Tiġrija)
6. **Triq it-Tiġrija**
7. **Triq il-Qala**
8. **Triq San Ġwann**
9. **Triq l-Imġarr**

Kull fejn mhemmx indikat mod ieħor, it-triq kollha hija fir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali. Fejn hemm indikat parti mit-triq l-parti l-oħra taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali.

Fl-aħħar snin sar xogħol mill-Ministeru għal Għawdex fuq erbgħa minn dawn it-toroq arterjali - Triq Rabat, Triq il-Knisja, Triq San Ġwann u parti sostanzjali minn Triq Għajn Qasab (il-parti li mill-*playing field* tal-Ħali twassal sal-bajja tar-Ramla).

Jinħass il-bżonn li fi zmien qasir isir xogħol fuq numru ta' toroq arterjali oħra minħabba l-istat li jinsabu fih. Il-Kunsill Lokali għamel sottomissjonijiet lill-Ministeru għal Għawdex kemm-il darba fuq dan il-bżonn. Il-Kunsill ser jibqa' jinsisti li jsir dan ix-xogħol.

Ix-xogħol kollu li jsir f' dawn it-toroq, nkluż bankini, *re-surfacing*, *patching* u tindif ta' kuljum jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali u l-Kunsill Lokali ma' jingħatax fondi fil-*budget* tiegħu ta' kull sena għal dan ix-xogħol.

## TNAQQIS TA' FONDI LILL-KUNSILL
# RESTRIZZJONI FIL-ĦIDMA TAGĦNA

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur ġie nfurmat li l-allokazzjoni tiegħu għas-sena 2013 ser tiġi mnaqqsa minn dik mogħtija għas-sena 2012.

Dan bla dubju ser iwassal biex il-Kunsill ikollu jirrestrinġi l-ħidma tiegħu anke għaliex fl-aħħar xhur rajna żieda qawwija fil-kuntratti għall-ġbid tal-iskart.

Infatti, b'effett mill-ewwel ta' Lulju li ġej ser jidħol fis-seħħ kuntratt ġdid għall-ġbid tal-iskart wara ħruġ ta' tender li minnu kien hemm appell u kawża. Dan ser ikun ferm ogħla minn dak li għandna bħalissa. Iż-żieda fil-prezz tal-fuel u spejjeż oħra wasslu għal din iż-żieda qawwija.

Din hija l-ewwel darba sa mis-sena 1997 li l-*budget* tal-Kunsill ser ikun qed jonqos. Kien hemm snin fejn baqa' l-istess pero kien hemm snin ukoll fejn kien hemm żieda, anke xi drabi sostanzjali.

Minkejja dan kollu l-Kunsill Lokali ser ikompli bil-ħidma tiegħu biex jwettaq dawk il-proġetti u inizjattivi kollha possibbli.

## Eletta Kunsilliera Ġdida

Dr. Rita Mifsud ġiet eletta Kunsilliera fil-Kunsill Lokali tan-Nadur fl-elezzjoni każwali li saret mill-Kummissjoni Elettorali nhar id-9 t'April 2013 biex jimtela l-post vakanti ta' Miriam Portelli. Dr. Mifsud iggradwat bħala avukat fis-sena 2005 u tipprattika l-professjoni tagħha fil-qasam tal-liġi ċivili u tal-familja, b'mod partikolari fuq id-drittijiet tat-tfal u l-persuni b'diżabilità. L-Avukat Mifsud kienet ġiet eletta bħala Kunsillier għall-ewwel darba fis-6 Kunsill Lokali tan-Nadur wara li kkontestat b'suċċess għall-ewwel darba fl-elezzjonijiet ta' Marzu 2008.






# Delicata Classic Wine Festival 2013

GNIEN IL-KUNSILL NADUR, GOZO

16,17,18 AUG

FEATURING

RED ELECTRIC SPECTRUM

CASH & BAND

